

Brussell, 20 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14435/17

CYBER 183
TELECOM 303
ENFOPOL 534
JAI 1055
MI 845
COSI 283
JAIEX 101
RELEX 989
IND 317
CSDP/PSDC 643
COPS 360
POLMIL 145

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	13943/17 + COR 1 12210/17, 12211/17
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibernetika b'saħħitha għall-UE, adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fl-20 ta' Novembru 2017.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' Komunikazzjoni Konġunta lill-PE u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza ta' ċibersigurtà għall-prosperità, it-tkabbir u s-sigurtà tal-UE u l-integrità tas-soċjetajiet ħielsa u demokratiċi tagħna u l-proċessi li fuqhom huma msejsa fl-era diġitali, kemm billi jiġu protetti l-istat tad-dritt kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali ta' kull individwu;
2. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li ċ-ċibersigurtà tiġi indirizzata b'approċċ koerenti fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak globali, billi ċ-ċibertheddud jista' jkollu impatt fuq id-demokrazija, il-prosperità, l-istabbiltà u sigurtà tagħna;
3. JINNOTA li livell għoli ta' ċiberreżiljenza madwar l-UE huwa wkoll importanti biex tinkiseb il-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali u l-iżvilupp ulterjuri ta' Ewropa diġitali;
4. FILWAQT LI JTENNI li l-UE dejjem ser tippromwovi ċiberspazju miftuħ, globali, ħieles, paċifiku u sigur, fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni, il-protezzjoni tad-data, il-privatezza u s-sigurtà, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji fil-qalba tal-UE jiġu applikati u rrispettati b'mod sħiħ kemm fi ħdan l-UE kif ukoll globalment, u FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza kruċjali li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-politika tas-sigurtà interna tal-UE¹,
5. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li d-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU fl-intier tagħha, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt tad-drittijiet tal-bniedem japplikaw fiċ-ċiberspazju u b'hekk JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex jiġi żgurat li d-dritt internazzjonali jiġi rrispettat fiċ-ċiberspazju;

¹ 12650/17.

6. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-UE², dwar il-Governanza tal-Internet³, dwar it-Tisħiħ taċ-Ċiberreżiljenza tal-UE⁴, dwar iċ-Ċiberdiplomazija⁵ u dwar Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Ċiberattivitajiet Malizzjużi⁶, dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju⁷; dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE⁸, il-Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu⁹, u dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020¹⁰;
7. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-qafas previst mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (il-Konvenzjoni ta' Budapest) jipprovdi bażi soda fost grupp varjat ta' pajjiżi biex jintuża standard legali effettiv għal-leġislazzjoni nazzjonali differenti u għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-indirizzar taċ-ċiberkriminalità;
8. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal enfasi mġedda fuq l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Politika 2014 taċ-Ċiberdifiża tal-UE u li dan jiġi aġġornat sabiex iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża jkomplu jiġu integrati fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u fl-aġenda ikbar tad-difiża u s-sigurtà;
9. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li industrija Ewropea globalment kompetittiva hija element importanti biex jinkiseb livell għoli ta' ċibersigurtà, kemm nazzjonalment kif ukoll fl-UE;
10. FILWAQT LI JFAKKAR li skont l-Artikolu 4.2 tat-TUE, is-sigurtà nazzjonali hija r-responsabbiltà proprja ta' kull Stat Membru.

² 12109/13 u dok. 6225/13 (Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: L-istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur (COM JOIN (2013) 1 final).

³ 16200/14 u dok. 6460/14 (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Il-Politika u l-Governanza tal-Internet - Ir-rwol tal-Ewropa fid-definizzjoni tal-futur tal-Governanza tal-Internet (COM(2014) 72 final)

⁴ 14540/16 u dok. 11013/16 (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Insaħħu s-Sistema ta' Ċiberreżiljenza tal-UE u Nrawmu Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva (COM 2016(410) final).

⁵ 6122/15.

⁶ 9916/17.

⁷ 10007/16.

⁸ 9178/17.

⁹ 7688/16 (Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Qafas Konġunt biex Jiġi Miġġieled it-Theddid Ibridu: Rispons tal-Unjoni Ewropea).

¹⁰ 12650/17.

B'DAN

11. JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, intitolata: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE, biex tressaq għan ambizzjuż għat-tisħiħ ta' ċibersigurtà fi ħdan l-UE. Huwa ser jikkontribwixxi wkoll għall-awtonomija strateġika tal-UE, kif imsemmija fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estra u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea¹¹ billi jimmira li jibni Ewropa diġitali li tkun aktar sigura, tippermetti fiduċja, konxja tal-kwalitajiet tagħha, kompetittiva, miftuħa għad-dinja, tirrispetta l-valuri komuni tal-UE dwar internet globalment miftuħ, ħieles, paċifiku u sigur – u għaldaqstant tilħaq livell oġġla ta' reżiljenza għall-prevenzjoni, id-deterrenza, l-identifikazzjoni u r-rispons għaċ-ċiberthedd u tkun tista' tirreaġixxi b'mod konġunt għaċ-ċiberthedd madwar l-UE, u
12. JISTIEDEN lill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE biex jaħdmu flimkien, b'rispett għall-oqsma ta' kompetenza reċiproċi u l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, bħala rispons għall-oġġettivi strateġiċi stabbiliti f'dawn il-Konklużjonijiet, u
13. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-UE, l-Istati Membri tagħha u s-settur privat jiżguraw biżżejjed finanzjament filwaqt li jiġu rispettati r-riżorsi disponibbli biex jingħata appoġġ lill-bini tal-isforzi ta' riċerka u żvilupp ta' ċiberreżiljenza u ċ-ċibersigurtà madwar l-UE, kif ukoll li jsaħħu l-kooperazzjoni għall-prevenzjoni, id-deterrenza, l-identifikazzjoni u r-rispons għaċ-ċiberthedd u l-kapaċità ta' rispons konġunt għal ċiberinċidenti u ċiberattivitajiet malizzjużi fuq skala kbira madwar l-UE;

¹¹ 13202/16.

Kapitolu I

ŻGURAR TA' ĊIBERREŻILJENZA EFFETTIVA TAL-UE U TA' FIDUĊJA FIS-SUQ UNIKU DIĠITALI

14. JISSOTTOLINJA li kull Stat Membru għandu r-responsabbiltà primarja li jsaħħaħ iċ-ċibersigurtà tiegħu u li jiżgura r-rispons tiegħu għaċ-ċiberinċidenti u ċ-ċiberkriżijiet filwaqt li l-UE tista' tipprova valur miżjud b'saħħtu fl-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. F'dan il-kontest, JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri kollha jagħmlu r-riżorsi neċessarji disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għaċ-ċibersigurtà sabiex jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rispons għal ċiberinċidenti u l-kriżijiet madwar l-UE;
15. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li, fejn possibbli, isir użu mill-mekkaniżmi, l-istrutturi u l-organizzazzjonijiet eżistenti fil-livell tal-UE;
16. IFAĦĦAR:
- il-progress li nkiseb fit-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS mill-Istati Membri u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li ssir implimentazzjoni sħiħa u effettiva sa Mejju 2018 kif stipulat f'dik id-Direttiva¹²;
 - il-ħidma mwettqa fi ħdan il-Grupp ta' Kooperazzjoni NIS għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni strateġika u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri;
 - il-ħidma li saret fi ħdan in-Networks ta' CSIRTs, speċjalment fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni operattiva tal-Istati Membri, fil-bini tal-affidabbiltà u l-fiduċja fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni fl-immaniġġar ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u, abbażi ta' konklużjonijiet nazzjonali mill-Istati Membri, fl-għoti ta' elementi għal għarfien komuni tas-sitwazzjoni fil-livell Ewropew;
 - il-ħidma mwettqa fi ħdan is-Sħubija Pubblika-Privata kuntrattwali dwar iċ-ċibersigurtà (cPPP).

¹² Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri għat-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS, speċjalment fir-rigward ta' operaturi ta' servizzi essenzjali.

17. JILQA' l-konferma fil-Komunikazzjoni Konġunta li kriptaġġ b'saħħtu u affidabbli huwa importanti ferm biex tassew jiġu żgurati d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-UE u l-fiduċja tal-pubbliku fis-Suq Uniku Diġitali, filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess għad-data meħtieġa għall-investigazzjonijiet tagħhom u l-konferma li kemm l-identifikazzjoni kif ukoll il-komunikazzjoni diġitali siguri jaqdu rwol ewlieni fl-iżgurar ta' ċibersigurtà effettiva fl-UE;

18. JILQA' l-pjan fil-Komunikazzjoni Konġunta li tiżdied l-ambizzjoni fit-twettiq tal-eżerċizzji pan-Ewropej taċ-ċibersigurtà fuq bażi regolari, msejsa fuq l-esperjenzi mill-eżerċizzji ta' Cyber Europe, filwaqt li jiġi kkombinat ir-rispons minn livelli differenti, billi dan ser ikun element importanti fil-progress fil-livell ta' tħejjija tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE fir-rispons tagħhom għal ċiberinċidenti fuq skala kbira;

19. JAPPELLA lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iwettqu eżerċizzji strateġiċi regolari taċ-ċibersigurtà f'formazzjonijiet differenti tal-Kunsill, b'mod li jibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-EU CYBRID 2017 u

20. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-proċess leġislattiv:

- JILQA' l-proposta għal mandat b'saħħtu u permanenti għall-ENISA b'objettiv primarju li tappoġġa u tiżviluppa kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri, biex iżidu l-kapaċitajiet tagħhom u tiżdied il-fiduċja f'Ewropa diġitali;
- JIRRIAFFERMA li l-ENISA futura għandha tiddependi fuq l-esperjenza u l-għarfien espert fi ħdan l-Istati Membri u l-UE u tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni konsistenti ta' politiki u regolamenti eżistenti u futuri tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, filwaqt li jiġi żgurat li l-kompetenzi kollha tal-ENISA jiġu żviluppati biex jikkomplementaw dawk tal-Istati Membri;

- JIRRIAFFERMA l-mira li tikber il-fiduċja f'Ewropa diġitali billi jiżdiedu l-affidabbiltà u l-fiduċja fis-soluzzjonijiet u l-innovazzjonijiet diġitali, inkluż l-Internet tal-Oġġetti, il-kummerċ-e u l-governanza-e, speċjalment f'termini ta' qafas ta' klassi dinjija għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà Ewropea¹³. Dan huwa rekwiżit ewlieni biex jissaħħu l-fiduċja u s-sigurtà fi prodotti u servizzi diġitali, jiġu protetti l-infrastrutturi kritiċi, u d-data tal-gvernijiet, taċ-ċittadini u tan-negozji u huwa strumentali għall-adozzjoni ta' approċċ ta' sigurtà fid-disinn għall-prodotti, is-servizzi u l-proċessi fis-Suq Uniku Diġitali;
- JISĦAQ li l-ħidma legiſlattiva biex tissaħħaħ iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE trid tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq u tal-utenti, tibni fuq l-esperjenzi tal-kapaċitajiet u l-proċessi ta' ċertifikazzjoni eżistenti fl-UE (pereżempju l-qafas SOG-IS) u trid tipprevedi qafas li jkun jista' jadatta malajr għall-iżviluppi diġitali futuri tal-ogħla livell;
- JISĦAQ li jenħtieġ li fit-tisħiħ taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà fl-UE jkun kopert l-ispettru sħiħ tar-rekwiżiti ta' sigurtà, sal-ogħla wieħed, fejn trid tintwera r-reżistenza għall-kapaċitajiet tal-attakkanti. Fatturi ewlenin ta' suċċess jiżguraw proċess affidabbli, trasparenti u indipendenti għaċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà biex tiġi promossa d-disponibbiltà ta' apparat, software u servizzi fdati u siguri fi ħdan is-Suq Uniku u lil hinn minnu; ir-rikonoxximent tal-għarfien espert rispettiv tal-industrija, tal-gvernijiet u tal-ispeċjalisti tal-evalwazzjoni Ewropej permezz ta' standards Ewropej u globali¹⁴; ir-rispett tar-rwol tal-Istati Membri fil-proċess ta' ċertifikazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni fl-livelli ogħla ta' sigurtà u speċjalment rigward il-ħtiġijiet ta' sigurtà u l-valutazzjoni tal-ħiliet essenzjali. Jenħtieġ li dan il-qafas ta' ċertifikazzjoni jiżgura wkoll li kwalunkwe skema ta' ċertifikazzjoni għall-UE kollha tkun proporzjonata mal-livell ta' assigurarazzjoni meħtieġ għall-użu tal-prodotti, servizzi u/jew sistemi tal-ICT involuti, u dan jippermetti kummerċ transkonfinali għan-negozji ta' kull daqs sabiex jiżviluppaw u jbiegħu prodotti ġodda, kemm fi ħdan is-swieq tal-UE kif ukoll barra minnhom.

¹³ Permezz ta' standards globali żviluppati f'konformità mal-ispirtu tal-Kodiċi ta' Prattika Tajba WTO – TBT.

¹⁴ Permezz ta' standards Ewropej u globali żviluppati f'konformità mal-ispirtu tal-Kodiċi ta' Prattika Tajba WTO – TBT.

21. JILQA' B'SODISFAZZJON l-intenzjoni li jiġi stabbilit Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà biex jiġu stimulati l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji taċ-ċibersigurtà u biex tingħata spinta addizzjonali lill-innovazzjoni tal-industrija tal-UE fix-xena globali fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-ġenerazzjoni li jmiss u dawk innovattivi, bħall-intelliġenza artifiċjali, il-komputazzjoni quantum, il-blokok f'katina u l-identitajiet diġitali siguri;
22. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li n-Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza dwar iċ-Ċibersigurtà jkun inklużiv fir-rigward tal-Istati Membri kollha u ċ-ċentri eżistenti ta' eċċellenza u kompetenza tagħhom u jagħti attenzjoni speċjali lill-komplementarjetà u f'dan il-kuntest JINNOTA ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċibersigurtà u r-Riċerka ppjanat, li għandu, bħala r-rwol ewlieni tiegħu, jiffoka fuq li l-iżgurar tal-komplementarjetà u l-evitar tad-duplikazzjoni fin-Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà u ma' aġenziji oħra tal-UE;
23. JISĦAQ li n-Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà għandu jindirizza firxa ta' kwistjonijiet li jvarjaw mir-riċerka għall-industrija u għaldaqstant għandu jikkontribwixxi, fost oħrajn, biex jintlaħaq l-oġettiv ta' awtonomija strateġika Ewropea;
24. Fid-dawl tan-Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà propost, JIRRIAFFERMA l-ħtieġa li l-UE, permezz tal-Istati Membri tagħha, tiżviluppa kapaċità Ewropea għall-evalwazzjoni tas-saħħa tal-kriptografija użata f'prodotti u servizzi disponibbli għaċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali filwaqt li tirrikonoxxi li politiki għall-kriptografija huma aspett ewlieni tas-sigurtà nazzjonali u għaldaqstant jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri;
25. JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex iżidu l-investimenti fl-applikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġiji ġodda sabiex jikkontribwixxu għall-iżgurar taċ-ċibersigurtà fis-setturi kollha tal-ekonomija Ewropea;

26. JISĦAQ fuq l-importanza ta' provvista ta' servizzi taç-ċibersigurtà kredibbli, affidabbli u koordinata għall-Istituzzjonijiet tal-UE u JAPPELLA lill-KUMMISSJONI u Istituzzjonijiet oħrajn tal-UE biex ikompli jiżviluppaw is-CERT-UE skont dawk l-għanijiet u jiżguraw riżorsi adegwati għal dan ukoll;
27. JILQA' l-appell biex jiġi rikonoxxut ir-rwol importanti ta' riċerkaturi tas-sigurtà ta' partijiet terzi fl-iskoperta ta' vulnerabbiltajiet fi prodotti u servizzi eżistenti u JAPPELLA lill-Istati Membri biex jikkondividu l-aħjar prattiki għal żvelar ikkoordinat tal-vulnerabbiltà;
28. JISĦAQ fuq ir-responsabbiltà ta' kulħadd fiç-ċibersigurtà u JISTIEDEN lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu ħiliet diġitali u litteriżmu medjatiku filwaqt li jgħinu lill-utenti jipproteġu l-informazzjoni diġitali tagħhom online u jżidu s-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar ir-riskji meta jqiegħdu data personali fuq l-Internet;
29. JILQA' l-enfasi li saret fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-edukazzjoni, iċ-ċiberiġjene u l-għarfien fl-Istati Membri tal-UE;
30. JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI biex tipprovdi malajr valutazzjoni tal-impatt u tipproponi sa nofs l-2018 l-istrumenti legali rilevanti għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva li tistabbilixxi Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza dwar iċ-Ċibersigurtà u Ċentru Ewropew għar-Riċerka u l-Kompetenza taç-Ċibersigurtà;
31. JISTIEDEN lill-Istati Membri:
- biex jagħtu prijorità liç-ċibergharfien f'kampanji ta' informazzjoni u jistimulaw iċ-ċibersigurtà bħala parti minn programmi akkademiċi, edukattivi u ta' taħriġ vokazzjonali. Attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-edukazzjoni taż-żgħażaġh u t-trawwim ta' ħiliet diġitali, biex jinħolqu professjonisti li jibqgħu validi fil-futur lesti għall-isfidi fis-sigurtà, l-ekonomija u s-servizzi;

- biex jagħmlu progress fl-isforzi fil-ftuħ ta' programmi taċ-ċibersigurtà speċjalizzati u ta' livell għoli sabiex jimtela n-nuqqas attwali fil-professjonisti taċ-ċibersigurtà fl-UE;
- biex joħolqu netwerk ta' kooperazzjoni effettiv ta' punti ta' kuntatt edukattivi (PoCs) taħt l-umbrella tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA). In-netwerk ta' PoCs għandu jkollu l-għan li jtejjeb il-koordinazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri fuq l-edukazzjoni u l-għarfien taċ-ċibersigurtà, kif ukoll it-taħriġ, l-eżerċizzju u l-bini tal-kapaċitajiet;
- biex jikkunsidraw li japplikaw ir-regoli tad-Direttiva NIS ukoll lill-amministrazzjonijiet pubbliċi li jipparteċipaw f'attivitajiet kritiċi soċjetali jew ekonomiċi, jekk dawn ma jkunux diġà koperti mil-leġislazzjoni nazzjonali u jekk jitqiesu adatti, u jipprovdu taħriġ relatat maċ-ċibersigurtà wkoll f'amministrazzjonijiet pubbliċi minħabba r-rwol li jaqdu fis-soċjetà u l-ekonomija tagħna.

Kapitolu II

IL-BINI TAL-KAPAĊITAJIET TAL-UE TA' PREVENZJONI, DETERRENZA U IDENTIFIKAZZJONI TA' ĊIBERATTIVITAJIET MALIZZJUŻI U TA' RISPONS GĦALIHOM

32. JISĦAQ li ċiberinċident jew ċiberkriżi partikolarment serja tista' tkun biżżejjed biex Stat Membru jinvoka l-Klawżola ta' Solidarjetà tal-UE¹⁵ u/jew il-Klawżola ta' Assistenza Reċiproka¹⁶;

33. JILQA' l-adozzjoni tal-"Qafas għal Rispons Diplommatiku Konġunt tal-UE għal Ċiberattivitajiet Malizzjużi" li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' konflitti, il-kooperazzjoni u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju billi jistabbilixxi miżuri fil-PESK inkluż miżuri restrittivi, li jistgħu jintużaw biex jipprevjenu u jirrispondu għal ċiberattivitajiet malizzjużi u JAPPELLA lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jagħmlu eżerċizzji regolari f'dak il-Qafas;

¹⁵ Artikolu 222 TFUE

¹⁶ Artikolu 42.7 TUE

34. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' rispons effiċjenti fil-livell tal-UE għal ċiberinċidenti u ċiberkriżijiet fuq skala kbira, waqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, u l-ħtieġa li ċ-ċibersigurtà tiġi integrata fil-mekkaniżmi ta' maniġġar ta' kriżijiet eżistenti fil-livell tal-UE¹⁷. Sabiex jinkiseb dan, JAPPELLA biex ir-rispons fil-livell tal-UE għal ċiberinċidenti fuq skala kbira jiġi eżerċitat b'mod regolari - minn risponsi diplomatiċi-strateġiċi għal dawk tekniċi - abbażi tal-oqfsa u l-proċeduri rilevanti u filwaqt li dawn jiġu rfinati kif meħtieġ¹⁸;

35. JISĦAQ fuq l-importanza ta' mekkaniżmi integrati tajjeb ta' rispons u ta' skambju ta' informazzjoni bejn komunitajiet differenti li jkunu kritiċi għall-iżgurar ta' ċibersigurtà fl-Ewropa, inkluż bejn il-korpi rilevanti tal-UE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Tali mekkaniżmi ser ikollhom jiġu ttestjati u vverifikati bħala parti mill-eżerċizzji ta' ċibersigurtà fil-livell tal-UE u formalizzati mill-ftehimiet rispettivi jekk ikun meħtieġ;

36. JINNOTA l-possibbiltà ta' eżami, jekk il-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-istabbiliment ta' Fond għar-Rispons ta' Emerġenza ta' Ċibersigurtà flimkien mal-isforzi eżistenti tal-Istati Membri u filwaqt li jiġu rispettati r-risorsi disponibbli (speċjalment fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE) ta' għajjuna għall-Istati Membri biex jirrispondu għal u jnaqqsu ċiberinċidenti fuq skala kbira, dment li l-Istat Membru jkun stabbilixxa sistema prudenti ta' ċibersigurtà qabel l-inċident, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva NIS u oqfsa żviluppati sew ta' maniġġar tar-riskji u superviżorji fil-livell nazzjonali;

37. JIRRIKONOXXI r-rabtiet li qed jikbru bejn iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża u JAPPELLA biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni fuq iċ-ċiberdifiża, inkluż billi tiġi inkoraġġuta l-kooperazzjoni bejn komunitajiet ċivili u militari ta' rispons għal inċidenti u biex tkompli tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK;

¹⁷ C/2017/6100 final

¹⁸ 9916/17 u C/2017/6100 final.

38. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li possibbilment jittieħed vantaġġ sħiħ mill-inizjattivi tad-difiża proposti biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' ċiberkapaċitajiet adegwati fl-Ewropa u JIRRIKONNOXXI l-opportunitajiet fl-iżvilupp possibbli ta' proġetti taċ-ċiberdifiża permezz tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO), jekk jitqies neċessarju mill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-PESCO u JIRRIKONNOXXI r-rwol moqdi mill-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u l-bażi industrijali ċivili usa' taċ-ċibersigurtà fil-provvediment ta' mezzi għall-Istati Membri biex jissalvagwardjaw l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tagħhom relatati maċ-ċiberspazju;

39. JINNOTA l-proposta mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi pjattaforma ta' edukazzjoni u taħriġ fil-qasam taċ-ċiberdifiża sal-aħħar tal-2018 u JISĦAQ li l-pjattaforma għandha żżid l-opportunitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni fl-Istati Membri u għandha tiżgura l-komplementarjetà ma' sforzi u inizjattivi oħra tal-UE, b'mod partikolari mal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA);

40. JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex iwieġbu għat-theddid ta' serq bl-użu tal-ICT ta' proprjetà intellettuali, inkluż sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali oħra, bil-ħsieb li jingħataw vantaġġi kompetittivi lil kumpanniji jew setturi kummerċjali;

41. JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa li jiġu indirizzati atti kriminali fiċ-ċiberspazju, inkluż dawk fid-Darkweb, l-isfruttar sesswali tat-tfal online kif ukoll il-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas mhux bi flus kontanti, b'mod partikolari billi l-għan ikun li tinħoloq stampa ta' intelligence mtejbja, jitwettqu investigazzjonijiet konġunti u jiġi kondiviż l-appoġġ operazzjonali;

42. JILQA' l-ħidma mill-UE u l-Istati Membri tagħha fl-indirizzar tal-isfidi li rriżultaw minn sistemi li jippermettu lil kriminali u terroristi jikkomunikaw b'modi li l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jaċċessaw, JISĦAQ li din il-ħidma għandha tieħu kont li l-kriptaġġ b'saħħtu u affidabbli huwa ta' importanza kbira għaċ-ċibersigurtà u għall-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali u għall-iżgurar tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

43. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-provvediment lill-infurzar tal-liġi ta' għodod li jippermettu l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità, sabiex atti kriminali mwettqa fiċ-ċyberspazju ma jgħaddux mingħajr ħadd ma jinduna bihom jew mingħajr piena u JILQA' l-kontribut tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità fil-ġlieda kontra l-kriminalità permezz tal-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji;

44. JISĦAQ fuq l-importanza li tiġi żgurata pożizzjoni koordinata tal-UE biex issawwar b'mod effiċjenti d-deċiżjonijiet Ewropej u globali dwar il-governanza tal-internet fil-komunità ta' ħafna partijiet ikkonċernati, bħall-iżgurar ta' baziġiet tad-data WHOIS aċċessibbli malajr u preċiżi ta' indirizzi IP u ismijiet ta' dominji, sabiex jiġu ssalvagwardjati kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u interessi pubbliċi;

45. JISĦAQ fuq l-importanza tal-użu tal-protokoll tal-Internet IPv6 li huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-Internet tal-Oġġetti fuq skala kbira kif ukoll għat-titjib tal-attribut ta' atti kriminali fiċ-ċyberspazju;

46. JINKORAĠIXXI l-ħidma li għaddejja fuq aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika, l-indirizzar taż-żamma ta' data u fuq l-isfidi għal proċedimenti kriminali li rriżultaw minn sistemi li jippermettu lil kriminali u terroristi jikkomunikaw b'modi li l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jaċċessaw filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data;

47. JAPPELLA lill-Kummissjoni:

- biex sa Diċembru 2017 tippreżenta rapport ta' progress fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri prattiċi għat-titjib tal-aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika;
- biex fil-bidu tal-2018 tippreżenta proposta leġislattiva biex jittejjeb l-aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika;

48. JISTIEDEN lill-Europol, l-ENISA u l-Eurojust:

- biex ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, kemm bejniethom kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż il-komunità tas-CSIRTs, l-Interpol, is-settur privat u l-akkademja filwaqt li jiżguraw sinerġiji u kumplementarjetajiet, f'konformità mal-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom.
- biex jikkontribwixxu b'mod konġunt mal-Istati Membri approċċ koordinat għar-rispons tal-infurzar tal-liġi tal-UE għal ċiberinċidenti u ċiberkriżijiet fuq skala kbira biex jikkumplementa l-proċeduri deskritti fl-oqfsa rilevanti¹⁹;

49. JISTIEDEN lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jaħdmu:

- biex ineħħu l-ostakli għall-investigazzjoni tal-kriminalità u għall-ġustizzja kriminali effettiva fiċ-ċiberspazju kif ukoll biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità fiċ-ċiberspazju;
- biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minn teknoloġiji li janonimizzaw waqt li jieħu kont li kriptaġġ b'saħħtu u affidabbli huwa ta' importanza kbira għaċ-ċibersigurtà u għall-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali;
- biex isawru d-deċiżjonijiet dwar il-governanza tal-internet, li għandhom impatt fuq il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità fiċ-ċiberspazju

¹⁹ 9916/17 u C/2017/6100 final.

Kapitolu III

TISĦIĦ TAL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI GĦAL ĊIBERSPAZJU GLOBALI MIFTUĦ, ĦIELES, PAĊIFIKU U SIGUR

50. JIRRIKONOXXI li l-iżgurar taċ-ċibersigurtà huwa sfida globali, li teħtieġ kooperazzjoni globali effettiva bejn l-atturi kollha, u JIRRIKONOXXI li għandha tingħata enfasi speċjali biex jitħaddnu valuri demokratiċi u l-prinċipji ta' ċiberspazju globali miftuħ, ħieles, paċifiku u sigur u b'kont meħud ta' dan,

51. JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu l-istabbiliment ta' qafas strateġiku għall-prevenzjoni tal-konflitti, il-kooperazzjoni u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju li jkun ibbażat fuq l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali eżistenti, u b'mod partikolari tal-Karta tan-NU fl-intier tagħha, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' normi universali ta' imġiba responsabbli tal-istati, u miżuri reġjonali ta' bini tal-fiduċja bejn l-Istati;

52. JIRRIKONOXXI r-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti fl-iżvilupp ulterjuri ta' normi għall-imġiba responsabbli tal-istati fiċ-ċiberspazju u jfakkar li l-eżiti tad-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Esperti Governattivi tan-Nazzjonijiet Uniti tul is-snin artikulaw sett kunsenswali ta' normi u rakkomandazzjonijiet²⁰, li l-Assemblea Ġenerali approvat ripetutament, u li l-Istati għandhom jieħdu bħala bażi għall-imġiba responsabbli tal-istati fiċ-ċiberspazju;

53. JIRRIKONOXXI li dawk in-normi ta' mġiba responsabbli tal-istati jinkludu n-norma li l-Istati ma għandhomx konxjament jippermettu li t-territorju tagħhom jintuża għal atti ħżiena internazzjonalment, għandhom jirrispondu għal talbiet adatti għall-assistenza minn Stat ieħor li l-infrastruttura kritika tiegħu tkun soġġetta għal atti malizzjużi tal-ICT li joħorġu mit-territorju tagħhom u li l-Istati għandhom jieħdu miżuri adatti biex jipproteġu l-infrastruttura kritika tagħhom mit-theddidiet tal-ICT;

54. JIRRIKONOXXI ċ-ċibertheddiet u ċ-ċiberriskji kondiviżi ffaċċjati mill-UE, in-NATO u l-Istati Membri rispettivi tagħhom u JTENNI l-importanza li titkompla l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża b'rispett sħiħ għall-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u f'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana²⁰;

55. JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' miżuri reġjonali ta' bini tal-fiduċja, li huma element essenzjali biex jiżdiedu l-kooperazzjoni u t-trasparenza u jonqos ir-riskju ta' konflitt. L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bini tal-fiduċja fiċ-ċibersigurtà fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u kuntesti reġjonali oħra ser iżżid il-prevedibbiltà tal-imġiba tal-istati u tkompli tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni taċ-ċiberspazju;

56. ITENNI li l-UE ser tkompli tħares il-valuri fundamentali tagħha fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali filwaqt li tibni fuq il-Linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-libertà online. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati kollha fil-governanza tal-Internet, inkluż l-akkademja, is-soċjetà ċivili u s-settur privat;

57. JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu l-bini ta' ċiberkapacià f'pajjiżi terzi, bi prijorità speċjali għall-pajjiżi ġirien tal-UE u li qed jiżviluppaw li qed jesperjenzaw konnettività li qed tikber b'pass mgħaġġel, fl-indirizzar taċ-ċiberkriminalità u l-bini ta' ċiberreżiljenza, f'konformità mal-valuri fundamentali tal-UE. Biex isir progress fl-isforzi tal-UE f'dan il-qasam, għandu jiġi żviluppat Network għall-Bini ta' Ċiberkapacià tal-UE, u Linji gwida għall-Bini ta' Ċiberkapacià tal-UE li għandha tkun komplementari għal mekkaniżmi u strutturi eżistenti;

²⁰ 15283/16.

58. JENFASIZZA l-progress li sar fil-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fuq iċ-ċiberdifiża u ċ-ċibersigurtà, u l-iżvilupp tagħha fit-taħriġ, l-edukazzjoni u l-kunċetti filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn ta' sforzi fejn ir-rekwiżiti taż-żewġ entitajiet jikkoinċidu, kif ukoll titrawwem l-interoperabbiltà permezz ta' rekwiżiti u standards taċ-ċiberdifiża u JAPPELLA biex titkompla l-kooperazzjoni fl-eżerċizzji taċ-ċiberdifiża (livell tal-persunal) u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin rigward il-maniġġar ta' kriżijiet, filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn ta' sforzi, fejn ir-rekwiżiti jikkoinċidu, b'rispett sħiħ għall-Politika ta' Eżerċizzju tal-UE u l-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;
59. JIRRIKONOXXI li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, il-Konvenzjoni ta' Budapest, toffri standard legali effettiv biex fuqu tissegjes il-leġislazzjoni nazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità. JAPPELLA lill-pajjiżi kollha biex ifasslu oqfsa legali nazzjonali adatti u jikkoopearaw f'dan il-qafas internazzjonali eżistenti offrut mill-Konvenzjoni ta' Budapest;
60. IFAKKAR fil-kisbiet fit-twettiq ta' ċiberdjalogi bilaterali tal-UE u jappella għal aktar sforzi biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fiċ-ċibersigurtà;
61. IFAKKAR li l-UE għandha mekkaniżmu ta' kontroll tal-esportazzjonijiet robust u legalment vinkolanti bbażat fuq id-deċiżjonijiet u l-aħjar prattiki żviluppati fir-reġimi internazzjonali ta' nonproliferazzjoni u JINNOTA d-diskussjoni li għaddejja fil-Kunsill biex jinstabu l-aħjar modi biex ikompli jittejjeb il-funzjonament ta' dawn il-kontrolli u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex ikomplu jindirizzaw, fir-reġimi internazzjonali rilevanti ta' kontroll tal-esportazzjonijiet (eż. l-Arranġament ta' Wassenaar), l-applikazzjonijiet kritiċi taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġiji ġodda, sabiex jiżguraw il-kontroll effettiv tat-teknoloġiji kritiċi taċ-ċibersigurtà tal-ġejjieni.
62. Bħala segwitu tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017²¹ dawn il-Konklużjonijiet ser jiġu implimentati permezz ta' Pjan ta' Azzjoni li għandu jiġi adottat mill-Kunsill qabel tmiem l-2017. Il-pjan ta' azzjoni, bħala dokument ħaj, jiġi rivedut u aġġornat b'mod regolari mill-Kunsill.

²¹ EUCO 14/17.